MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Numru. 368/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Andre Falzon ta' 16-il sena, iben Desmond u Lorna nee Baldacchino, mwieled Pieta' fis-17 ta' Awissu, 1986 u residenti Flat 1, Blackman Court, Mimosa Street, Pieta' detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 401286 (M)**

**Maximillian Zammit ta' 17-il sena iben Martin u Anna nee Zammit imwieled il-Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1985 u joqghod fi Flat 17, Qasam**

**tal-Bini tal-Gvern, Block C3 Ta' Xbiex**
**u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru**
**364485 (M)**

**James Micallef ta' 17-il sena iben Anton**
**u Josephine nee Buttigieg imwieled Pieta'**
**fid-29 ta' Novembru, 1985 u joqghod**
**f'Numru 51, Triq San Duminku, Tas-Sliema,**
**u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru**
**581785 (M)**

**Michael Grech ta' 17-il sena iben Paul u Eileen**
**nee Gauci imwieled Pieta' u joqghod**
**fi 'Cuore Maria', Triq Aruka, Attard detentur**
**tal-karta tal-identita' bin-numru**
**279485 (M)**

**Owen James Formosa ta' 17-il sena iben**
**Joseph u Gulia nee Galea, imwieled il-Pieta',**
**fl-10 ta' Awissu, 1985 u joqghod f'numru**
**2, 'Medina' Triq Aruka, Attard u detentur**
**tal-karta tal-identita' bin-numru 429385 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Andre Falzon, Maximillian Zammit, James Micallef, Michael Grech, Owen James Formosa li gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fil-25 ta' Novembru, 2002 jew fil-granet ta' wara b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijet, obbligi foloz jew helsien falz minn

obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, nkella illi ziedujew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe ghamlu falsifikazzjoni ta' firem tas-sur Marvin Tonna u/jew persuni ohra fuq ircevuti u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew credit cards jew ircevuti u dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe credit card jew ircevuti illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabiliment pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-artikolu 167 u 169 tal-Kpitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(c) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor ingann jew billi wrew hagab'ohra sabiex igieghlu titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu bizgha jew tama dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' madwar Lm 300 billi pprezentaw credit card bi hsara ghal Marvin Tonna u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 308, 309 u 310 (1)(b)tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2004 giet mitluba u konsegwentement milqugha t-talba ta' separazzjoni ta' gudizzju u ghalhekk <u>din is-sentenza hi biss fil-konfront ta' Maximillian Zammit</u>.

Rat il-kunsens ta' Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat ukoll li hu stqarr li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi x-xhieda prodotti huma dawk il-guvintur li kienu originalment k0-akkuzati ma' Zammit, pero' kienu kollha ammettew l-akkuzi u sentenzjati f'dan ir-rigward, kien ghalhekk li fil-fatt sar is-separazzjoni tal-gudizzju kif premess.

Illi l-guvintur prodotti bhala xhieda kollha kkorroboraw dak li stqarr l-istess Zammit fl-istqarrija tieghu, kif ribattut fix-xhieda tieghu. Fil-fatt huma qalu li Maximillian Zammit b'ebda mod ma kien involut fl-uzu tal-credit card misjuba, ghalhekk fix-xiri tal-hwejjeg. Fil-fatt jaqblu ma' dak stess li xehed Zammit li ghalkemm kien hu li sab il-wallet, hu cioe l-akkuzat qatt ma ppartecipa fil-bravura ta' l-uzu tal-card, anzi mar lejn id-dar.

Ghaldaqstant in kwantu ebda wahda mill-akkuzi ma giet pruvata, din il-Qorti qeghda tillibera lil Maximillian Zammit mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------